EUROPEAN CAPITALS OF
INCLUSION AND DIVERSITY

## LAQGĦA INFORMATTIVA GĦALL-MEDIA

# Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2023

### X'inhu l-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità?

Il-kompetizzjoni hi t-tieni edizzjoni tal-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità, parti mill-inizjattiva tax-Xahar Ewropew tad-Diversitàtal-Kummissjoni Ewropea. Varat fl-2022, il-Premju jirrikonoxxi u jippremja awtoritajiet lokali madwar l-UE kollha li jippromwovu l-inklużjoni u d-diversità u jgħinu biex jibnu Ewropa aktar ġusta.

Il-kompetizzjoni hi ċans għall-ibliet jew reġjuni biex jenfazizzaw politiki u inizjattivi li joħolqu spazji aktar diversi u inklużivi għaċ-ċittadini tagħhom. Dawn l-inizjattivi jistgħu diġà jkunu implimentati jew ikunu fil-proċess ta' implimentazzjoni.

### Għaliex il-Kummissjoni Ewropea ser tagħżel 'Il-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità'?

L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri u drittijiet fundamentali fl-UE, minquxa fit-Trattati tagħha u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentalital-UE.

Madanakollu, id-diskriminazzjoni tippersisti; skont stħarriġriċenti iktar minn Ewropew minn kull 2 (59%) jemmnu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika ta' dak li jkun hi mifruxa. Persuna minn kull tlieta ta' dixxendenza Afrikana tgħid li esperjenzat fastidju razzjali fl-aħħar ħames snin.U, fi stħarriġ tal-2019 li għamlet l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,id-diskriminazzjoni kontra nies LGBTIQ tippersisti madwar l-UE kollha, bi 43% ta' nies LGBTIQ jiddikjaraw li jħossuhom iddiskriminati fl-2019.

Il-pandemija tal-Covid-19 żiedet id-diskrepanza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa. Wara l-pandemija, in-nisa qalgħu bħala medja 16% inqas mill-irġiel fl-UE kollha, meta mqabbla mal-medja ta' diskrepanza ta' 14% fl-2019, kif hu indikat f'riċerka tal-2022 mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib għall-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol.

Hemm ukoll ħafna ostakli li persuni b'diżabbiltà jiffaċċjaw biex jaċċessaw servizzi essenzjali, kura tas-saħħa, edukazzjoni, impjieg u ħajja politika. U nies Rom jibqgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni, razziżmu, u esklużjoni soċjali. Rapport FRA ippubblikat fl-2021 juri li iktar minn 25% ta' Rom iħossu li ffaċċjaw diskriminazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tagħhom (opportunitajiet ta' impjieg jew edukazzjoni, pereżempju).

Il-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità hu parti mill-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tippromwovi l-ugwaljanzau tiġġieled id-diskriminazzjoni. Il-Premju jirrikonoxxi l-isforz ta' awtoritajiet lokali biex jibnu soċjetajiet iktar inklużivi ħalli ċ-ċittadini Ewropej jilħqu l-potenzjal tagħhom u ħadd ma jibqa' lura.

iktar informazzjoni dwar l-azzjoni tal-UE fuq l-Ugwaljanza:

- Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025
- Strateġija tal-Ugwaljanza LGBTIQ 2020-2025
- Strateġija tal-Ugwaljanza bejn is-sessi 2020-2025
- Strateġija għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità 2021-2030
- Qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030
- Strateġija tal-UE biex tiġġieled kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija (2021-2030)

**Min kienu r-rebbieħa tal-Premju tal-2022?**

Is-sena l-oħra, bosta awtoritajiet lokali madwar l-Unjoni Ewropea kollha rebħu l-Premjijiet tad-Deheb, tal-Fidda u tal-Bronż.

- **Il-Belt ta' Cologne** (il-Ġermanja) rebħet il-Premju tad-Deheb fil-kategorija ta' awtoritajiet lokali b'iktar minn 50,000 abitant
- **Koprivnica** (il-Kroazja) rebħet il-Premju tad-Deheb fil-kategorija ta' awtoritajiet lokali b'inqas minn 50,000 abitant
- **Andalusija** (Spanja) rebħet il-Premju tad-Deheb fil-kategorja Premju Speċjali għall-inklużjoni tar-Rom.

Skopri r-rebbieħa tal-Fidda u tal-Bronż hawn.

**Min jista' japplika?**

Il-Premju hu miftuħ għall-awtoritajiet lokali mis-27 Stat Membru tal-UE li jipprattikaw attivament politiki ta' inklużjoni li jisfidaw is-sess, l-età, id-diżabbiltà, l-identità LGBTIQ, ir-reliġjon, u d-diskriminazzjoni etnika/oriġini razzjali.

L-applikant għandu jkun unità amministrattiva regolata minn kunsill ta' belt jew korp governattiv elett b'mod demokratiku; hu miftuħ għal bliet u reġjuni ġol-UE.

**Hemm kategoriji speċjali tal-Premju?**

Hemm żewġ kategoriji għal 2023: awtoritajiet lokali b'inqas minn 50,000 abitant u dawk b'aktar minn 50,000 abitant. Hemm ukoll premju speċjali għall-inklużjoni LGBTIQ fl-2023.

**X'tipi ta' inizjattivi dwar id-diversità qed jaħseb jirrikonoxxi l-Premju?**

Il-Premju jirrikonoxxi inizjattivi ta' diversità u inklużjoni li jindirizzawir-raġunijiet kollha ta'

diskriminazzjoni (sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali) u intersezzjonalità.

**Kif ser jintgħażlu r-rebbieħa?**

L-applikazzjonijiet għall-Premjijiet se jkunu suġġetti għal verifika ta' eliġibilità u evalwazzjoni minn qabel minn esperti indipendenti. Ġurija Ewropea ser tagħmel is-selezzjoni finali fiż-żewġ kategoriji ġenerali u l-Premju Speċjali għall-Inklużjoni LGBTIQ.

**Min ser jevalwa l-entrati tal-Premju?**

Il-Kummissjoni Ewropea se taħtar esperti indipendenti għall-evalwazzjoni minn qabel u l-membri tal-Ġurija Ewropea għall-fażi tal-għażla finali tas-selezzjoni. Il-Ġurija Ewropea se tkun magħmula minn mill-inqas ħames membri li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi. Il-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċijali LGBTIQ se tkun magħmula minn mill-inqas ħames persuni li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi u partijiet interessati nazzjonali u Ewropej rilevanti oħra.

**Meta u fejn ser issir iċ-ċerimonja tal-Premju?**

Ċerimonja li tħabbar ir-rebbieħa tal-premju ser issir fi Brussell fis-27 ta' April 2023. Il-Kummissarju għall-Ugwaljanza Helena Dalli ser tospita l-avveniment ta' livell għoli. Din ser iġġib sindki, dawk li jfasslu l-politika, uffiċjali tal-ibliet u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati flimkien.

**Kif nista' nattendi għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju (online jew wiċċ-imb'wiċċ)?**

Jekk jogħġbok, ikkuntattja lit-tim tal-media tagħna, li ser jassistik (media@eudiversity2023.eu).

**Jistgħu jiġu ffissati intervisti mar-rebbieħa tal-Premju jew ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea?**

Iva, possibbli tirranġa intervisti. Jekk jogħġbok ikteb lit-tim tal-media tagħna li ser jaħdem miegħek biex jiffaċilita talbiet għal kwotazzjonijiet jew intervisti (media@eudiversity2023.eu).

**Fejn nista' nsib aktar informazzjoni?**

Żur il-website tal-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità: www.eudiversity2023.eu

Aktar informazzjoni ser tiżdied mas-sett ta' għodod tal-Media fit-tħejjija għall-avveniment. Agħmel kuntatt mat-tim tal-media biex tirċievi stqarrijiet għall-istampa u informazzjoni relatata:media@eudiversity2023.eu

Tista' tirċievi wkoll l-aġġornamenti ta' kull xahar billi tirreġistragħall-bulettin tagħna.